**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90, Head Office,
Marsa, MRS 1000 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

**Il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru 2015**

# Proposti tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) ispirati mill-Enċiklika Laudato Si' tal-Papa Franġisku dwar l-Għożża tad-Dar Komuni

Wara li rriflettiet fuq l-Enċiklika Laudato Si' tal-Papa Franġisku, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) qed tipproponi xi punti għar-riflessjoni u azzjoni min-naħa taċ-ċittadini Maltin u l-Gvern biex bħala pajjiż nagħtu sehemna biex nieħdu ħsieb u ngħożżu d-dar komuni tagħna. L-attitudni tagħna m'għandhiex tkun waħda li tiddistingwi bejn id-dar fejn noqogħdu u d-dar f'sens iktar wiesa' li hija komuni għalina lkoll. Ma nistgħux naqgħu fin-nassa li nħarsu lejna nfusna bħala ċittadini bla saħħa li ma nistgħu nagħmlu xejn biex intejbu l-ambjent ta' madwarna, kemm dak li hu qribna u dak iktar 'il bogħod minna. Ma nistgħux inħarsu lejn pajjiżna bħala wieħed li huwa żgħir wisq biex jagħmel differenza fuq livell internazzjonali. Aħna nemmnu li l-attitudni tagħna m'għandhiex tkun waħda li qisna qed ngħixu fil-kamra tal-imbarazz jew fil-kantina ta' din id-dar komuni mingħajr ebda setgħa biex nipproteġuha għalina u għal dawk li se jiġu warajna.

Ir-raġel għani minn Assisi li ltaqa' m'Alla u għażel li jsir fqir, beda rivoluzzjoni li għadha tinħass sal-lum. Bħalu aħna nkunu sħaħ meta nkunu fil-paċi magħna nfusna, man-natura u ma' ħutna l-bnedmin. Il-Papa jiddeskrivi lil San Franġisk t'Assisi bħala "mistiku u pellegrin li għex b'sempliċità u f'armonija mill-isbaħ ma' Alla, mal-oħrajn, man-natura u miegħu nnifsu. Fih nilmħu tabilħaqq kemm ma jistgħux jinfirdu minn xulxin l-għożża għan-natura, il-ġustizzja mal-foqra, l-impenn fis-soċjetà u s-sliem ġewwieni".[1]

L-istedina tal-KA biex nirriflettu u naġixxu hija kif ġej:

**1. Nistiednu liċ-ċittadini Maltin biex jagħrfu li aħna lkoll responsabbli għal xulxin u għal dawk li jiġu warajna speċjalment fejn tidħol it-tgawdija tal-ambjent. Għandna neżaminaw kontinwament il-kuxjenza tagħna biex nirriflettu dwar fejn qed jeħodna l-istil tal-ħajja tagħna.**

X'tip ta' prodotti qed nixtru? Minn barra li nsaqsu lilna nfusna jekk dawn il-prodotti humiex ġejjin minn prattiċi ta' skjavitù ta' nies jew minn mezzi oħra li ma jirrispettawx id-dinjità tal-ħaddiem, qed insaqsu lilna nfusna minn liema materjali huma magħmula l-prodotti, u jekk hemmx xi prodotti oħra li nistgħu nixtru minflokhom u li jkunu

[1] *Laudato Si`* para 10.

magħmulin minn riżorsi u prattiċi li huma iktar sostenibbli? Jista' jkun li qed nagħżlu prodotti li joħolqu iktar skart minn prodotti oħra li nistgħu nixtru minflokhom, bir-riżultat li qed naħlu r-riżorsi u nużaw iktar malajr l-unika *engineered land-fill* li għandna f'dan il-pajjiż? Kemm qed nagħtu każ li nnaqsu x-xiri ta' ċerti prodotti, li nużaw mill-ġdid prodotti użati, li nisseparaw l-iskart għal skopijiet ta' riċiklaġġ, u li fil-fatt nibagħtu għar-riċiklaġġ dan l-iskart? Qatt ikkunsidrajna li nkunu inqas goffi fix-xiri jew li minflok narmu z-zejjed li nixtru, nagħtuh lill-għaqdiet li jqassmu ikel lil dawk li għandhom bżonnu u/jew m'għandhomx mezzi biex jixtru ikel biżżejjed għall-familji tagħhom?

**2. Nistiednu lill-aqwa mħuħ fil-pajjiż biex jipproponu ideat dwar kif il-pajjiż jista' jiżviluppa mingħajr ma jikkomprometti l-ambjent għalina u għal dawk li ġejjin warajna. Nistiednu lill-istudenti tal-Università, professjonisti li ggradwaw u dawk li komplew l-istudji tagħhom biex jilqgħu l-isfida li jagħtu l-kontribut tagħhom ħalli jintlaħaq dan l-għan.**

Ħafna drabi, meta għaqdiet ambjentali jew individwi li għandhom għal qalbhom il-ħarsien tar-riżorsi ambjentali b'rispett lejn ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni u jitkellmu kontra xi proġett li mhux sostenibbli , dawn l-għaqdiet u individwi jiġu akkużati li qed jippruvaw iwaqqfu l-"progress". L-isfidi li jippreżentaw dawn l-għaqdiet volontarji u individwi juruna l-ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati ideat ġodda u tintuża kreattività biex niżviluppaw il-pajjiż bl-inqas użu tal-art. Jagħmlilna kuraġġ il-fatt li l-iStrateġija Ewropa 2020 tal-Unjoni Ewropea timmira biex jinħoloq tkabbir li jkun: għaqli permezz ta' iktar investimenti effettivi fl-edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni; sostenibbli billi nimxu b'mod deċiżiv lejn ekonomija *low-carbon*; u inklussiv, b'emfasi kbira fuq il-ħolqien tal-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar. Il-ħidma ta' Malta fil-qasam internazzjonali biex tippromovi l-klima u l-baħar bħala l-wirt komuni tal-umanità huma suċċessi storiċi li juru li pajjiż żgħir jista' joffri ideat li jikkontribwixxu biex ikun hemm tmexxija internazzjonali aħjar tar-riżorsi. Issa hemm bżonn li jkollna ideat tajbin ħafna biex pajjiżna jħares l-ambjent tiegħu stess.

**3. Nappellaw lill-intrapriżi Maltin żgħar, medji u kbar biex joħorġu b'ideat innovattivi biex jiżviluppaw in-negozju tagħhom billi jieħdu in konsiderazzjoni li pajjiżna huwa d-dar komuni tal-Maltin kollha.**

Drajna wisq naraw proġetti, prodotti u ideat ta' negozju li huma kopja ta' dak li ilna naraw li minflok jippromovu u jtejbu l-ambjent u l-ġid komuni jwasslu f'telf ta' riżorsi, ħsara ambjentali u ħsara lill-ġid komuni.

L-appell tagħna għall-innovazzjoni u l-abbandun tal-ideat tas-soltu huwa mmirat ukoll għal min jiżviluppa l-propjetà u l-art. Hawn ħafna bini li qisu nbena mingħajr ma sar xi studju bażiku ta' *marketing* li jixtarr jekk hemmx domanda għall-propjetà li tkun qed tinbena. Il-viżjoni dgħajfa li wieħed jipprova jagħmel flus kemm jiflaħ malajr m'għenitx lill-iżviluppaturi biex ibiegħu il-propjetà tagħhom minħabba, fost raġunijiet oħra, il-fatt li l-propjetà li żviluppaw ma kenitx qed taqdi l-bżonnijiet ta' min kien

interessat biex jixtri propjetà. F'ċerti każijiet, il-propjetà tkun reklamata li għandha *double bedrooms* meta lanqas sodda kbira u gwardarobba ma jkunu jistgħu joqogħdu fiha.

Mhijiex l-ewwel darba li xi applikanti għall-permessi ta' żvilupp jippreżentaw proġett li jmur kontra diversi *policies* tal-ippjanar biex imbagħad jippreżentaw pjanti tal-proġett imċekken biex tingħata l-impressjoni li sar xi titjib kbir fil-proġett propost. Minkejja li dawn it-"tibdiliet" jagħmlu l-proġett differenti ħafna mill-ewwel proposta huwa xorta jibqa' mhux aċċettabbli taħt diversi *policies* ta' ppjanar. Iżda l-proġett xorta jiġi approvat minħabba l-logħba psikoloġika li permezz tagħha l-ewwel proposta tkun intenzjonata li tixxokkja biex hekk it-tieni waħda ssir "aċċettabbli". Dan m'għandux ikun eżempju ta' "innovazzjoni" li għandna naspiraw għaliha.

**4. Nistiednu lill-professjonisti li għandhom talent u li jaħdmu fl-oqsma ta' inġinerija, l-arkitettura, ippjanar u oħrajn li jaħdmu f'intrapriżi fil-qasam tal-enerġija solari biex jilqgħu l-isfida li jipproponu ideat ġodda għad-disinn u l-użu tal-enerġija solari f'Malta. Nistiednu lill-Awtorità tal-Ippjanar biex tipprovdi direzzjoni billi tissuġġerixxi *best practice* fejn jidħol disinn. Nistiednu lill-Gvern biex jikkunsidra jiddedika fondi, li se jkunu mmirati għall-mezzi li jagħmlu użu mill-enerġija solari, lil dawk il-prodotti li jkollhom disinn innovattiv li huwa aħjar minn dak li bħalissa naraw madwar il-pajjiż kollu.**

L-isfida li għandu l-pajjiż hija li jagħmel użu minn dan is-sors ta' enerġija rinnovabbli li l-Ħallieq għoġbu jagħni l-pajjiż bih mingħajr ma jinħolqu sfreġji viżwali. Il-firxa ta' ċerti pannelli solari u *water heaters* fuq il-bjut naqqas il-valur estetiku tal-pajsaġġ urban Malti. Ir-riżultat tal-attitudni ta' "iktar prodotti bl-istess disinn tas-soltu" joffri sfida kemm lin-negozjanti u kemm lill-professjonisti tal-ambjent mibni biex jipprovdu soluzzjonijiet ġodda.

**5. Nappellaw lill-Gvern u l-awtoritajiet biex jinfurzaw ir-regolamenti mingħajr biża' u favur b'mod ġust ma' kulħadd.**

L-infurzar mhux ugwali tar-regolamenti fuq intrapriżi joħloq kompetizzjoni inġusta bejn dawk li jirrispettaw ir-regolamenti ambjentali u tal-ippjanar u dawk li jingħataw x'jifhmu li huma 'l fuq mil-liġi minħabba l-imġiba tal-awtoritajiet.

L-infurzar tar-regolamenti hija funzjoni nobbli għax trażżan l-egoiżmu tal-ftit sabiex il-ġid komuni ma jkunx kompromess. L-egoiżmu li jagħmel ħsara lill-ġid komuni mhuwiex xi kunċett astratt mingħajr ebda effett fuq nies ta' veru. Xi eżempji jinkludu dawn li ġejjin: il-qerda bil-mod il-mod ta' siġar indiġeni li huwa l-ewwel pass fid-degradazzjoni ippjanata ta' żona sabiex l-awtoritajiet imbagħad jikkonsidraw tali żona bħala art "abbandunata" li "tgħajjat" biex tiġi żviluppata; l-użu illegali, fil-forom kollha tiegħu, ta' art pubblika li jċaħħad lil nies oħra milli jgawdu bis-sliem din l-art pubblika; l-użu illegali ta' bini u art li jċaħħad lil nies li joqogħdu ħdejn tali bini u art milli jgawdu l-propjetà tagħhom; l-użu illegali ta' drenaġġ mhux trattat, fertilizzanti u pestiċidi fl-agrikoltura, liema prattiċi jagħmlu ħsara irreparabbli lilll-biodiversità u

huma ta' periklu dirett għal saħħet in-nies minħabba li jikkontaminaw l-ilma tal-pjan u l-prodott agrikolu nnifsu. Il-ħsara li dawn il-prattiċi jagħmlu lill-ilma tal-pjan tibqa' tinħass għal ħafna snin.

**6. Nistiednu liċ-ċittadini Maltin biex japprezzaw iktar l-ambjent tal-Gżejjer Maltin, l-għasafar li jpassu fuqhom u l-ħut li jgħix fil-baħar. Nappellaw lill-kaċċaturi u nassaba biex jirriflettu fuq is-sbuħija tal-għasafar li jpassu u jirrispettaw id-dritt ta' nies oħra li jgawdu s-sbuħija ta' din il-biodiversità. Dwar il-protezzjoni tal-ħut, hemm bżonn ta' sforzi mill-awtoritajiet biex ma jsirx sajd li mhuwiex sostenibbli speċjalment meta dan ikun ġej minn xi "drittijiet speċjali tas-sajd".**

Xi wħud ma tantx jafu dwar ir-rikkezza ta' biodiversità tal-Gżejjer Maltin. Jirreferu għall-ambjent ta' pajjiżi oħra bħala wieħed li huwa superjuri għal tagħna mingħajr ma japprezzaw li dak li għandna f'Malta huwa uniku u sabiħ fih innifsu u jeħtieġ li jkun imħares.

Kull sena għasafar ipassu bejn l-Ewropa u l-Afrika u viċe-versa. Il-passa tal-għasafar toffrilna opportunità biex inkunu xhieda ta' fenomenu tal-għaġeb fejn dawn il-kreaturi jivvjaġġaw distanzi kbar biex ibejtu u jfittxu kenn mill-elementi tax-xitwa. Għalkemm hawn xi wħud li għandhom dritt legali li jikkaċċjaw jew jonsbu ċerti speċi ta' għasafar, nappellawlhom biex jirriflettu fuq il-prattika tagħhom u jifhmu d-dritt ta' ħaddieħor li jgawdi l-preżenza ta' dawn l-għasafar.

Kultant il-ħut huma l-ispeċi minsija tal-Gżejjer Maltin. Iżda dawk minna li għandhom opportunità li josservaw dawn il-ħlejjaq fil-baħar ma jistgħux ma jkunux mgħaġġba bil-kobor u s-sbuħija tagħhom. Fuq medda ta' snin, il-prattiċi ta' sajd mhux sostenibbli wasslu biex jonqsu sostanzjalment il-ħut madwar il-Gżejjer Maltin. Għalhekk huwa importanti ħafna illi drittijiet tas-sajd, anke dawk l-hekk imsejħa "drittijiet speċjali tas-sajd" ikunu mwieżna flimkien mal-ħtieġa li tkun mħarsa l-popolazzjoni tal-ħut.

**7. Nappellaw lill-politiċi u kull persuna li tokkupa uffiċċju pubbliku fil-pajjiż biex joqogħdu ħafna attenti biex jaċċertaw li dawk il-postijiet li jżuru jew l-avvenimenti li jieħdu sehem fihom, anke jekk dawn ikunu qed isiru għall-ġbir ta' flus għal skopijiet nobbli, ikollhom il-permessi ambjentali u ta' żvilupp.**

Fin-nuqqas ta' dan, min jattendi ikun qed jidher li qed jagħti l-barka tiegħu lil dawn l-illegalitajiet u jippromovi, b'mod dirett jew indirett, post jew avveniment li jkun qed jagħmel il-qligħ minn illegalitajiet u li jkun qed jikkompeti b'mod inġust ma' oħrajn li jkunu qed jimxu mal-liġi.

**8.	Nappellaw lill-politiċi biex jagħtu l-eżempju f'kull ħaġa li jagħmlu fil-ħajja privata li tinvolvi żvilupp.**

Meta l-politiċi jagħmlu żvilupp jew attività li taffettwa l-ambjent għandhom jagħtu eżempju lil kulħadd. Jekk hemm xi toqob f'regolamenti u liġijiet, il-politiċi huma fid-dmir li jsoddu dawn it-toqob u mhux jagħmlu użu minnhom huma stess. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet li jikkunsidraw applikazzjonijiet għal żvilupp jew għal permess ambjentali li jkunu sottomessi minn politiċi għandhom jagħmlu dmirhom mingħajr biża' jew favur meta jkunu ffaċċjati minn applikazzjonijiet ta' din ix-xorta.

**9.	Nistiednu lill-Gvern biex jalloka fondi għal studju dwar id-domanda u l-provvista tal-propjetà f'Malta u l-ambjent ekonomiku u fiskali li jaffettwa il-propjetà. Ilu jinħass il-bżonn ta' dan l-istudju li għandu jkun wieħed tassew nazzjonali. Għandu jkun hemm konsultazzjoni pubblika dwar it-*terms of reference* ta' dan l-istudju u li dawn ikunu maqbula minn firxa l-iktar wiesgħa ta' *stakeholders*.**

Studju ta' dan it-tip jaffettwa lill-pajjiż kollu u għandu jkun trattat bħala wieħed nazzjonali. Meta jkun finalizzat, l-istudju għandu jkun ippubblikat kollu kemm hu. Huwa ovvju li r-riżultat ta' dan l-istudju għandu jkollu impatt kbir fuq il-ħarsien tal-ambjent u l-provvista ta' djar li n-nies ikunu jifilħu jħallsu għalihom. Dan l-istudju wara li jitlesta għandu jkun aġġornat b'mod regolari u jkun sors importanti ta' informazzjoni għall-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED) u l-Pjanijiet Lokali. Jekk ma jsirx hekk, deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent mibni ma jistgħux ikunu deċiżjonijet infurmati kif wieħed jistenna speċjalment fil-każ ta' pajjiż b'densità ta' popolazzjoni għolja bħal tagħna.

**10.	Nistiednu lill-intrapriżi biex iħarsu lejn il-*Corporate Social Responsibility* tagħhom iktar minn sempliċi reklamar li jinkludi ritratti ta' impjegati li qed jagħtu daqqa t'id fit-tindif tal-kampanja jew jagħmlu xogħlijiet tal-idejn f'postijiet li jospitaw nies żvantaġġati.**

Għalkemm attivitajiet ta' din ix-xorta huma ta' min ifaħħarhom, id-diretturi u l-mexxejja tal-intrapriżi huma msejħa biex jagħtu servizz iktar għoli lill-komunità billi jeżaminaw bir-reqqa l-prodotti li qed jipproduċu u l-proċessi li jadottaw fl-intrapriżi tagħhom biex jiżguraw li dawn mhumiex ta' dannu kemm għall-ambjent, l-impjegati u ċ-ċittadini ordinarji. L-istedina tagħna mhijiex waħda li titlob lill-intrapriżi biex jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Ir-rispett tal-liġijiet huwa punt fundamentali li mhux miftuħ għad-diskussjoni. L-istedina tagħna tmur lil hemm minn dak li titlob il-liġi. Hija sejħa biex l-intrapriżi jagħtu kontribut pożittiv għal mod ġdid ta' kif jeżerċitaw attivitajiet leġittimi u jtejbu l-ambjent.

**11. Nappellaw lill-partiti politiċi biex ma jagħmlux wegħdiet qabel l-elezzjoni, kemm jekk sigrieti u kemm jekk ikunu fi programmi elettorali, li jirreferu għal proġetti partikulari li jinvolvu l-użu tal-art jew li jidentifikaw minn qabel l-art speċifika li se tintuża għal dak l-iżvilupp.**

Dawn it-tipi ta' wegħdiet qabel l-elezzjoni jmorru kontra l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli. Fiż-żmien meta jsiru dawn il-wegħdiet, ma jkunx sar *cost-benefit analysis,* studju dwar l-impatt ambjentali, jew konsultazzjoni pubblika ta' veru li kollha flimkien janalizzaw il-proġett kollu u l-impatti tiegħu. Wegħdiet ta' dan it-tip ikunu sempliċiment ibbażati fuq talbiet u pressjoni minn partijiet interessati illi partit politiku jara bħala kruċjali biex jirbaħ l-elezzjoni. Wegħdiet ta' dan it-tip iżommu ostaġġ il-ġid komuni. Meta mbagħad issir l-applikazzjoni għall-iżvilupp ta' dawn il-proġetti, l-uffiċċjali fl-Awtorità tal-Ippjanar ikollhom il-pressjoni biex jiġġustifikaw proġetti ta' dan it-tip.

Wegħdiet bħal dawn mhumiex ħafna differenti minn finanzjament dirett tal-partiti politiċi. Minflok ikollok partijiet interessati li jagħtu flus lill-partit, il-partit jassigura li jkollu l-voti ta' dawk il-partijiet interessati billi jwegħedhom ċerti proġetti. Jekk dak il-partit jirbaħ l-elezzjoni, li huwa l-oġġettiv normali ta' kull partiti politiku, allura dak il-partit iħossu obbligat li jirrispetta l-wegħdiet.

Kultant il-politiċi jinsew li jekk hemm elf ruħ (u kultant anke inqas minn hekk) li jħabbtu l-ħin kollu fuq il-bieb tal-partit idejquhom bit-talbiet (kultant mhux raġonevoli) tagħhom hemm ukoll 400,000 ruħ li ma jagħmlux hekk. It-talbiet tal-ftit għandhom jieħdu preċedenza fuq il-ġid komuni? Il-partiti politiċi għandhom jiżguraw, u jagħmluha ċara daqs il-kristall lil dawk li jħabtulhom il-bieb, li l-ambjent u l-patrimonju tal-pajjiż mhumiex għall-bejgħ.

**12. Nappellaw lill-Gvern u l-awtoritajiet biex jiżguraw li t-trasparenza, l-iskrutinju u l-parteċipazzjoni pubblika ta' veru fil-proċess tal-ippjanar ma jkunux imminati. Dan japplika kemm għal proġetti privati kif ukoll dawk tal-Gvern.**

Li kieku fil-passat kien hemm imqar xi tip ta' parteċipazzjoni pubblika jew skrutinju ta' ċerti żviluppi qabel ma dawn ingħatalhom il-permess tal-iżvilupp, kieku ma kenitx issir ċerta ħsara irriversibbli. Dawn l-esperjenzi negattivi għandhom jispiraw lill-awtoritajiet biex ibiddlu l-ħsieb tagħhom dwar proċeduri li adottaw jew li qed jadottaw li jistgħu jagħmlu ħsara kemm lill-ambjent naturali kif ukoll lill-wirt arkitettoniku skedat li huwa imprezzabbli fuq livell nazzjonali. Sitwazjoni fejn ċerti proġetti jiġu mgħaġġla fil-proċess tal-applikazzjoni tagħhom mingħajr ma jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa tkun tixbaħ lil dik ta' atleta li jieħu parti f'tellieqa kompetittiva u f'daqqa waħda jieħu *shortcut* u joħloq konfużjoni fost l-ispettaturi u r-*referees* li ma jkunux iridu jemmnu dak li qed jaraw. Dan kollu jkun evitat kieku r-*referees* jieħdu l-prekawzjonijiet kollha qabel it-tellieqa.

Sfortunatament qed ikun hemm sitwazzjonijiet fejn il-*cost-benefit analysis* dwar xi proġett pubbliku ma jiġix ippubblikat għal raġunijiet ta' "informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva". Dan isir anke minkejja li jkunu mwiegħed li din l-analiżi tkun se tiġi pubblikata. Il-*cost-benefit analysis* hija għodda li tiżgura li jiġu studjati ftit *options* ta' veru tal-proġett. Dan huwa ferm differenti milli wieħed jistudja fid-dettall *option* waħda (li tkun dik li jippreferi l-iżviluppatur) u b'mod superfiċjali "jistudja" xi żewġ *options* oħra ħalli tingħata l-impressjoni li saret analiżi ta' *options* differenti.

**13. Nappellaw lill-Gvern biex iwettaq ir-riformi meħtieġa fil-mod kif jikri, jagħti b'ċens jew jgħaddi art pubblika lil terzi persuni u biex jiżgura trasparenza fl-għoti ta' *tenders* li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent.**

Il-Gvern huwa l-ikbar sid tal-art f'Malta u huwa fid-dmir li jiżgura li propjetà li qiegħda taħt il-ħarsien tiegħu tkun amministrata b'mod li huwa trasparenti u li jagħmel ġustizzja mal-pajjiż kollu u mal-ġenerazzjonijiet ġejjiena. L-amministrazzjoni ta' din il-propjetà m'għandhiex tkun iddettata minn min irid jaħtaf art jew propjetà tal-Gvern biex jagħmel qligħ ta' malajr imma għandha tkun iggwidata minn sens li l-art tal-Gvern hija taħt il-ħarsien tal-amministraturi tagħha biex il-ġid komuni ikun imħares. L-art u l-propjetà tal-Gvern li jinsabu f'żoni tal-bini, flimkien mal-użu u t-tħaddim tagħhom, għandhom joffru opportunità biex tkun imħarsa art li hija barra ż-żoni tal-iżvilupp.

L-użu ta' *direct orders* mhux dejjem jiggarantixxi li l-Gvern ikun qed jagħżel l-aqwa soluzzjoni fis-suq biex tkun indirizzata xi kwistjoni ambjentali. Li kuntrattur ikollu kuntatti mill-qrib mal-partit fil-Gvern ma jagħmlux iktar kompetenti minn oħrajn li joffri servizz jew prodott ta' kwalità u li jkun qed joffri *value for money*. *Direct orders*, li jistgħu iwasslu għal ħsara ambjentali, jistgħu jitqiesu bħala mod kif tħallas għal servizzi b'xejn li jkunu ingħataw fi żmien kampanja elettorali.

**14. Nappellaw lill-Gvern biex juża mill-aħjar it-talent lokali fil-proċessi ta' deċiżjoni li għandhom x'jaqsmu mal-ippjanar u l-ambjent.**

Dan il-pajjiż huwa żgħir wisq biex Gvern ma jagħtix każ ta' persuni li għandhom talent u li jissimpatizzaw ma' partit oppost filwaqt li jagħti promozzjonijiet jew ħatriet lill-individwi li, għalkemm jiġbdu l-ħabel tal-partit fil-Gvern la jkunu kompetenti biżżejjed biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom u lanqas kapaċi joqogħdu fuq żewġ saqajn meta jkunu jridu jieħdu deċiżjonijiet jew jagħtu parir professjonali.

**15. Nappellaw lill-Gvern biex iħares l-ispazju limitat tal-Gżejjer tagħna (li għandhom densità għolja ta' popolazzjoni) billi jistabbilixxi proċess u qafas ta' ppjanar li huwa verament responsabbli u rigoruż u li b'mod ġenwin iservi l-ġid komuni. Nappellaw ukoll lill-Gvern biex isaħħaħ it-tmexxija fl-Awtorità tal-Ippjanar u jiżgura li jkun hemm mekkaniżmi ta' *checks and balances*.**

Proċess dgħajjef ta' ppjanar huwa wieħed li jkollu proċeduri u *policies* ta' ppjanar dgħajfa illi jonqsu milli jħarsu il-ġid komuni filwaqt li jindirizzaw l-interessi u l-bżonnijiet egoistiċi tal-ftit. Is-sostituzzjoni tal-Pjan ta' Struttura bl-hekk imsejjaħ Pjan

Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED), li huwa fih innifsu dokument dgħajjef ħafna, ma jawgurax tajjeb li jkollna proċess rigoruż ta' ppjanar. Din id-dgħufija tiggrava ruħha minħabba l-fatt li bidliet li saru f'*policies* jagħmluha iktar faċli li jsiru żviluppi f'żoni 'il barra mill-konfini tal-iżvilupp li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' użu li għandu x'jaqsam ma' agrikoltura.

Il-protesti tal-pubbliku kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar iseħħu mhux meta xi permess idum biex joħroġ imma meta jinħareġ xi permess u l-effetti negattivi tal-proġett fuq l-ambjent jew il-*benessere* tal-komunitajiet affettwati ma jkunux ġew mwieżna biżżejjed qabel tittieħed id-deċiżjoni.

L-iSPED għandu jkun rivedut ħalli l-*policies* u l-elementi tal-istrateġija jkunu ġustifikati wara li jsiru s-*surveys* u studji meħtieġa. Il-proċess ta' kif jiġi approvat l-iSPED għandu jinkludi konsultazzjoni pubblika dwar id-direzzjonijiet strateġiċi li l-Kabinett ikun ħejja b'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet tal-Ippjanar u tal-Ambjent. Wara, l-Awtoritajiet imsemmija għandhom jistudjaw *policy options* differenti. Dawn il-*policy options* għandhom ikunu miftuħa għal konsultazzjoni pubblika u wara jittieħdu d-deċiżjonijiet li jridu jkunu approvati mill-Kabinett. Flimkien mal-pubblikazzjoni tal-abbozz tal-iSPED, li jkun ħareġ għall-konsultazzjoni pubblika, u l-verżjoni finali li tkun approvata għandha tiġi pubblikata wkoll spjegazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn intgħażlet *policy option* flok *options* oħrajn. Għandhom jiġu pubblikati wkoll is-*surveys* u studji li jiġġustifikaw il-*policy options* li jkunu ntagħżlu. Kemm l-iSPED, kif ukoll il-proċess ta' ppjanar li huwa propost taħt l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u l-*policies* ġodda ta' ppjanar ma jidhrux li jinkwadraw f'xi viżjoni ta' kif irridu naraw lil Malta fi żmien 20 sena oħra.

Il-proposta fl-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp li terġa' tintroduċi involviment tal-ministru responsabbli fil-proċess tal-ippjanar, esperjenza li sfortunatament diġà għaddejna minnha fil-passat, se toħloq klima għall-prattiċi ta' korruzzjoni fejn jidħlu *lobbyists* ta' saħħa u nies influwenti fil-kostitwenza tal-ministru responsabbli mill-ippjanar. Dan il-periklu ma japplikax biss għal proġetti kbar. Intervent żgħir f'post sensittiv jista' jagħmel ħsara kbira li ma tkunx differenti, mil-lat ambjentali, minn intervent kbir f'post li huwa inqas sensittiv.

Qed nirriskjaw bil-kbir li l-pajjiż li rridu ngħixu fih fi żmien 20 sena oħra mhux se jkun magħġun minn viżjoni li hija ispirata mill-ħtiġijiet tal-ġid komuni, inkluż il-ġid komuni tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni (mhux xi ġenerazzjoni ta' xi elf sena oħra imma diġà dik tat-tfal u tat-tfal tat-tfal tagħna). Għall-kuntrarju, din il-"viżjoni" tidher li qed tkun iddettata mill-interessi egoistiċi ta' ftit nies li qed jinfluwenzaw *policies* ta' ippjanar b'detriment għall-ġid komuni.

**16. Nistiednu lill-Gvern, l-awtoritajiet relevanti u żviluppaturi biex ifittxu li jbiddlu l-kultura tal-karrozza. Nistednuhom biex jirrikonoxxu r-relazzjoni bejn żvilupp u aċċessibiltà, u jippjanaw għaliha. Nappellaw lill-Gvern bħala l-ikbar entità li tħaddem nies, u lil kull min iħaddem nies fis-settur privat, biex joħorġu bi proposti ta' vvjaġġar sostenibbli għall-impjegati u viżitaturi tagħhom. Dan l-appell huwa ndirizzat ukoll lill-Università, l-MCAST u l-organizzaturi ta' avvenimenti tal-massa.**

Għal ħafna snin ir-relazzjoni bejn l-iżvilupp u l-aċċessibiltà ma kenitx ikkunsidrata importanti meta jkun qed jiġi ippjanat żvilupp. Qed ngħixu ta' kuljum l-effetti li ma qisniex l- aċċessibiltà bħala konsiderazzjoni ewlenija meta nippjanaw proġetti. Jeħtieġ li ma nkomplux naħsbu dwar l- aċċessibiltà bħala li nipprovdu toroq u postijiet għall-parkeġġ. Irridu nisfidaw lilna nfusna biex nieqfu milli nkomplu naħsbu b'mod ristrett fuq il-mobbiltà bħallikieku din tfisser biss li jkollok karrozza u ssuqha. Jekk l-aċċessibiltà u l-mobbiltà jkunu ppjanati tajjeb billi wieħed iżomm f'moħħu n-nies li ma jsuqux karrozza, allura dan ikun l-ewwel pass biex nibdew nippruvaw noħorġu mill-isqaq li aħna, bħala pajjiż, ħallejna lilna nfusna nidħlu ġo fih.

Il-karrozzi privati qed jokkupaw wisq spazju pubbliku. Kemm se ndumu sejrin hekk mingħajr ma nindirizzaw bis-serjetà r-raġunijiet fundamentali għal din ix-xejra? Jeħtieġ nibdew naħsbu b'ħarsa 'l bogħod dwar il-forom eżistenti u alternattivi ta' trasport pubbliku u spazji u rotot intenzjonati għal min ma jużax karrozza. Meta jkun qed jiġi ippjanat żvilupp li jattira viżitaturi, l-iżviluppaturi qed isaqsu jekk il-proġett propost jistax ikun aċċessibbli, fil-preżent jew fil-futur, għall-karozzi tal-linja?

Is-sidien tal-karrozzi huma mistiedna jirriflettu fuq is-sehem tagħhom għall-problemi tat-traffiku fil-pajjiż u t-tniġġiż li dan jikkawża. Nappellaw liċ-ċittadini kollha biex jirriflettu fuq l-użu tat-trasport tagħhom. Qatt ħsibna illi jekk għal ġurnata waħda fil-ġimgħa żewġ sewwieqa jużaw karrozza waħda, it-traffiku jonqos bin-nofs tal-inqas għal dik il-ġurnata? Hemm bżonn nirriflettu fuq l-imġieba tagħna meta nsuqu jew nipparkjaw il-vettura tagħna. Kemm-il darba nħossuna li moħħna jilħqilna meta niksru r-regolamenti tat-traffiku? Kemm-il darba nsuqu b'veloċità iktar milli huwa permess, naqbżu karrozzi oħra fejn mhux suppost, nipparkjaw kontra r-regolamenti u noħolqu staġnar tat-traffiku b'detriment għall-oħrajn, nagħmlu pressjoni fuq sewwieqa quddiemna biex iġerru iktar u jwarrbu għall-ġenb biex aħna nkunu nistgħu inġerru iktar minn kemm ikun permess jew biex insuqu biss ftit metri 'l quddiem minn fejn inkunu?

L-isfida li joffrilna t-traffiku fil-pajjiż mhijiex waħda ta' infrastruttura biss. L-isfida li għandna hija li jkollna servizz ta' trasport pubbliku effiċjenti li jgawdi l-fiduċja ta' min jużah billi jkun servizz ta' min jorbot fuqu u li huwa relevanti għall-ħtiġijiet ta' min jużah.

**17. Nistiednu lill-Awtoritajiet tal-Ippjanar u tal-Ambjent biex jibdew jippubblikaw rapport anwali li jsegwi mill-qrib l-effett ta' *policies* u proċeduri fuq l-ambjent naturali, mibni, soċjali u ekonomiku u l-benessere tal-poplu.**

Nemmnu illi huwa permezz ta' pubblikazzjoni bħal din li wieħed jista' jevalwa l-effetti ta' *policies* u proċeduri fuq id-diversi aspetti tal-ambjent. B'dan il-mod jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar dawk l-oqsma ta' *policies* u proċeduri li għandhom bżonn jitjiebu b'mod urġenti, fi żmien qasir, medju jew iktar fit-tul. Huwa redikolu li permezz tal-*policy* il-ġdida li "tirregola" l-iżvilupp 'il barra miż-żoni tal-iżvilupp, borġ ġebel fil-kampanja issa jista' jingħata permess biex minfloku titla' struttura ta' żewġ sulari. Propju minħabba d-densità ta' popolazzjoni li qed tikber għandna bżonn ta' awtorità li jkollha l-qafas leġislattiv u r-riżorsi meħtieġa biex issegwi mill-qrib u tanalizza informazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-ambjent naturali, soċjali u ekonomiku sabiex l-art u l-ambjent ikunu immaniġġjati aħjar. Permezz ta' analiżi ta' dan it-tip, li tkun aċċessibbli għall-pubbliku, il-Gvern u l-Awtoritajiet tal-Ambjent u l-Ippjanar jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jkunu infurmati, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-ġid komuni meta jikkunsidraw d-direzzjoni ta' *policies* u proċeduri għall-ġejjieni.

**18. Nistiednu lill-Gvern u lill-Awtoritajiet tal-Ambjent u l-Ippjanar biex jiżguraw li l-ambjent ikun imħares għal min jixtieq igawdi s-skiet u l-paċi. Hemm bżonn li jiġu imħejjija u implimentati regolamenti dwar it-tniġġiż minn ħsejjes u dwal.**

Il-kampanja u x-xtajtiet huma sors ewlieni biex in-nies iserrħu ftit moħħhom. Ninkoraġġixxu lill-awtoritajiet bex iħarsu l-kwiet u s-sliem li joffri l-ambjent billi jirrestrinġu b'mod iebes ħsejjes li jdumu għaddejjin għal ħin twil u li jeqirdu l-ħemda ta' filgħaxija u ta' matul il-lejl. Dawn il-ħsejjes ikunu ġejjin, fost l-oħrajn, minn mużika minn lukandi u *discos* fil-beraħ fuq u ħdejn bajjiet u fil-kampanja. Huwa sinjal ta' egoiżmu li xi operaturi ta' lukandi u postijiet ta' divertiment iħallu l-mużika tinstema' fuq medda ta' art li hija ħafna ikbar minn dik tal-istabbilment tagħhom. Sorsi ta' ħsejjes qawwija li għandhom bżonn ikunu regolati aħjar huma l-logħob tan-nar tal-ajru u mużika qawwija li ddamdam li tkun ħierġa mill-karrozzi. Ilu jinħass il-bżonn ta' regolamenti serji li jikkontrollaw il-ħsejjes u jkun tajjeb kieku jsiru sforzi ikbar biex dawn iseħħu.

It-tgawdija fil-paċi tal-kampanja u x-xtajtiet għandha tkun possibbli għal kulħadd. Min ma jiflaħx iħallas biex jieħu vaganza barra minn Malta u għalhekk ma jistax igawdu l-paċi u l-ħemda li joffru meded kbar ta' art m'għandux ikun imċaħħad milli jgawdi ambjent seren u kwiet f'Malta minħabba l-egoiżmu ta' xi wħud. Anke fejn jidħlu kaċċa u nsib, għalkemm il-kaċċaturi u nassaba għandhom dritt legali għall-kaċċa u nsib, dan id-dritt m'għandux iċaħħad id-dritt ta' nies oħra li jgawdu mixja fuq art pubblika fil-kampanja.

Id-dawl qawwi li jintuża biex idawwal bini u spazji oħra u li jinfirex ma' kullimkien qed inaqqas it-tgawdija tas-sema wara nżul ix-xemx. Nappellaw lill-Gvern u lill-awtoritajiet biex ifasslu *policy* fuq kif għandhom jiddawwlu bini u spazji oħra u li tagħti każ tat-tgawdija tas-sema wara nżul ix-xemx.

**19. Nappellaw lill-Gvern biex ikompli u anke jintensifika l-isforzi tiegħu fuq livell internazzjonali u nazzjonali biex jiġġieled kontra l-bidla fil-klima. Nappellaw liċ-ċittadini Maltin biex jagħtu ħarsa lejn l-istil ta' ħajja tagħhom biex jaraw kif dan qed jaffettwa l-bidla fil-klima.**

Jekk il-bidla fil-klima tkompli kif inhi, pajjiżna li huwa vulnerabbli għal bidla bħal din se jsofri minn impatti negattivi fuq l-ambjent, l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja. Jekk dan ma jseħħx fi żmienna se jseħħ fi żmien it-tfal tagħna u t-tfal tagħhom. Għalhekk, l-isforzi ta' Malta fuq livell nazzjonali u internazzjonali biex tiġġieled il-bidla fil-klima huma kruċjali. Il-bidla fil-klima mhix se taqleb għall-aħjar bl-isforzi ta' Malta waħedha. Kull pajjiż irid jagħti sehemu. Nistiednu lill-Gvern biex jinsisti fuq din ir-responsabbiltà fir-relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi oħra speċjalment ma' dawk il-pajjiżi li, iktar minn oħrajn, qed jikkawżaw il-bidla fil-klima. Ir-responsabbiltà taċ-ċittadini li jgħożżu d-dar komuni tfisser li kull wieħed u waħda minna għandna neżaminaw xi prodotti qed nixtru, xi stili ta' ħajja qed inħaddnu, li qed jikkontribwixxu direttament għal bidla negattiva fil-klima u naħsbu fi prodotti u stili ta' ħajja alternattivi. Malta kellha viżjoni meta pproponiet fin-Nazzjonijiet Uniti li l-klima għandha titqies bħala patrimonju komuni tal-umanità. Għandna nkunu ispirati minn dik il-viżjoni biex inbidlu l-istili ta' ħajja tagħna!

**20. Nappellaw lilek, li qed taqra dawn il-proposti, biex tikteb fl-ispazju ta' hawn taħt, riżoluzzjoni waħda li se twettaq fis-sena tal-Ġublew tal-Ħniena biex toħloq armonija bejnek, iċ-ċittadini ħutek u l-ambjent. Riżoluzzjoni waħda biss. Se tħalli l-ispazju vojt? Il-bidla tibda issa.**